## SIĠAR

*Ta'* Dun Frans Camilleri

*Lill-Avukat George Zammit, poeta,*
*b'radd il-ħajr.*

Kull meta qalbi tħoss id-dmugħ tal-weġgħa
minn dawk li minni ma raw qatt ħlief ġid,
niftakar fikom
u nifraħ bikom,
ja siġar, ħbieb kennija,
u nibqa' ħdejkom biss inkun irrid.

Kemm drabi sibt il-kenn fil-ħniena tagħkom
meta lqajtuni taħt dirgħajn ħelwin
u serraħtuni
u farraġtuni
fil-jiem sajfin, qalila,
bid-dell ħanin ta' mriewaħ ħadranin.

B'dirgħajkom miftuħin titolbu s-sema
li jraxxax fuq għżiritna l-ilma bnin
u lil kull sħaba,
qiskom tallaba,
issejħu biex tisqina
u tbierek l-uċuħ tagħna xewqanin.

Imbagħad jixrob kulħadd bis-sabħa tagħkom:
il-ħdura tfeġġ titbissem minn ġuf l-art;
fl-egħlieqi mejta
u f'qalb kull bejta
tħaddar ukoll it-tama
ta' ħajja ġdida bl-isbaħ frott u ward.

Imbierka l-art li żżommkom dejjem wieqfa,
ja siġar qalbenin, biex fit-taqbid
mar-rjieħ qalila
tax-xitwa twila
ma tninu qatt u tibqgħu
b'dirgħajkom miftuħin ixxerrdu l-ġid!



# UMANITA'

## RADJODRAMM

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

*Raba' kull fejn titfa' ħarstek. Imxerrda fl-egħlieqi l-bdiewa, irġiel u nisa, qegħdin jaħdmu: min jagħżaq, min jaħrat, min jiżra'. Minn għalqa jinstemgħu l-ilħna tal-bdiewa jgħannu:*

Fix-xemx u fix-xita,
Fis-sħana u fil-ksieħ,
Henjin ilkoll naħdmu
Bla ebda mistrieħ.

*Minn għalqa oħra ħaddiema oħra jwieġbu:*

Fix-xogħol qatt ma nħossu
La sħana u la bard.
X'hemm itjeb mill-ħobż
Li tagħtina din l-art?

*u l-bdiewa mxerrda ma' l-egħlieqi kollha jgħannu:*

Il-ħobż, u l-frott, u l-ward
Ta' din l-art, ta' din l-art,
ta' din l-art.

*Lejlet il-Milied. Ix-xemx ta' nofs in-nhar tħares minn bejn is-sħab lejn dawn il-ħaddiema li, xħin jisimgħu l-"Angelus" idoqq, jitilqu x-xogħol minn idejhom u jagħmlu talba qasira.*

*Tħares lejn dak il-kwadru ta' mħabba u ta' paċi, hemm l-UMANITA', mara mdaħħla fiż-żmien, minn ħarsitha, tidher imħassba. Tħoss ruħha hienja xħin tisma' dak il-għana sabiħ.*

*(L-ilħna tal-ħaddiema jinstemgħu fil-bogħod u bil-mod itennu r-ritornell.)*

*Waqt li tkun hekk imħassba, jasal fuqha, imgħaġġel imgħaġġel, iż-ŻMIEN.*

Żmien: Fejn sejra? X'int tagħmel hawnhekk?
Umanita': Qed nistrieħ ftit mill-ġenn tal-ħajja.
Żmien: Imma hawnhekk mhux qagħdek. Ma tafx li jien u int irridu nimxu flimkien 'il quddiem, f'ħajja aktar attiva, f'ħajja mimlija aktar bl-agħjat u bix-xogħol?
Umanita': F'ħajja aktar ta' wġigħ, trid tgħid, aktar ta' tbatija.